Ġabra tal-ġurisprudenza

# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI WAHL
ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2014[1]

**Kawżi magħquda C-359/11 u C-400/11**

**Alexandra Schulz**
**vs**
**Technische Werke Schussental GmbH und Co.KG**
**Josef Egbringhoff**
**vs**
**Stadtwerke Ahaus GmbH**

[Talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja)]

"Direttiva 2003/54/KE — Suq intern tal-elettriku — Direttiva 2003/55/KE — Suq intern tal-gass naturali — Kuntratti bbażati fuq leġiżlazzjoni nazzjonali bejn fornituri u klijenti — Obbligu ta' servizz universali — Kundizzjonijiet ġenerali — Tibdil unilaterali mill-fornitur tal-prezz tas-servizz — Livell xieraq ta' protezzjoni tal-konsumatur — Klijenti finali — Rekwiżit ta' trasparenza fir-rigward ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali — Interrelazzjoni mad-Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur — Limitazzjoni tal-effetti ratione temporis ta' sentenza"

1. Bosta setturi ta' servizz pubbliku[2] li kienu monopolji għaddew minn bidliet kbar bħala riżultat ta' liberalizzazzjoni tas-suq. Dan huwa wkoll il-każ fis-suq tal-enerġija. F'dak il-kuntest, id-Direttivi dwar l-Elettriku u l-Gass[3] (jew, flimkien, iktar 'il quddiem id-"Direttivi dwar l-Enerġija") stabbilew ir-regoli għal-liberalizzazzjoni gradwali tas-suq tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea[4]. Filwaqt li dawn id-direttivi jikkonċernaw prinċipalment il-ftuħ tas-settur tal-enerġija għal kompetizzjoni, dawn għandhom ukoll dispożizzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw livelli għolja ta' protezzjoni tal-konsumatur, partikolarment fir-rigward tat-trasparenza ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali għall-klijenti finali. Dawn id-dispożizzjonijiet — li huma intiżi sabiex jiggarantixxu servizz universali[5] — jeħtieġu li Stati Membri jieħdu azzjoni xierqa sabiex jipproteġu konsumaturi, b'mod partikolari konsumaturi vulnerabbli, minn diskonnessjoni, fejn wieħed mill-mekkaniżmi li jiżgura li ma jsirx dan huwa l-ħatra ta' fornitur tal-aħħar għażla.

2. Skont il-liġi Ġermaniża, fornituri tal-gass u tal-elettriku għandhom id-dmir li jikkonkludu kuntratti ma' klijenti domestiċi meta dawn joperaw fuq il-bażi ta' OSU. Dawn il-kuntratti japplikaw tariffa standard għall-provvista tal-enerġija. Il-kwistjoni li qamet fil-kawża prinċipali hija jekk — bħala konsegwenza ta' dan id-dmir — fornituri ta' servizz igawdux ukoll minn dritt statutorju li jibdlu

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Dawn is-setturi jinkludu dawk tat-telekomunikazzjonijiet, tas-servizzi postali, tal-elettriku u tal-gass naturali, kif ukoll tas-servizzi tal-ferrovija.

3 — Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211) u Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).

4 — It-tkomplija tas-suq intern fl-enerġija, COM(2001) 125 finali, p. 2 (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2001").

5 — Waqt li dawn id-dispożizzjonijiet (jiġifieri, l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Elettriku u l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Gass, ikkwotati fil-punti 6 u 10 rispettivament iktar 'il quddiem) huma mfassla f'termini ta' obbligu tas-servizz pubbliku, jiena sejjer fis-segwenti nirreferi għall-obbligu impost skont dawk id-dispożizzjonijiet bħala obbligu ta' servizz universali (iktar 'il quddiem l-"OSU").

l-prezzijiet unilateralment. Il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża), sabiex tirriżolvi din il-kwistjoni, qiegħda titlob gwida mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, dwar il-livell xieraq ta' protezzjoni li għandu jingħata lil klijenti finali fir-rigward ta' dawn il-kuntratti ta' servizz. Din il-kwistjoni hija mingħajr dubju ta' importanza kbira. Dan minħabba li l-legalità fil-bidla tal-prezzijiet tiddependi fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lir-rekwiżit li termini u kundizzjonijiet kuntrattwali għandhom ikunu trasparenti, skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass.

3. F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll tieħu pożizzjoni dwar l-interrelazzjoni li jista' jkun hemm bejn ir-rekwiżit ta' trasparenza u l-obbligi skont l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13[6]. Din il-ħtieġa nħolqot peress li l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement tat gwida dwar dawn l-obbligi tal-aħħar fil-kawża RWE Vertrieb[7], għal darb'oħra fir-rigward ta' kuntratti għall-provvista tal-enerġija. L-isfida kruċjali fil-kawża preżenti, għalhekk, hija li tiġi stabbilita jekk dawn ir-rekwiżiti diversi kollha għandhomx ikunu interpretati b'mod uniformi, minkejja l-fatt li l-istrumenti legali minn fejn jidderivaw jissuktaw għanijiet differenti. Kif ser nipprova nuri iktar 'il quddiem, nemmen li t-talba għandha tingħata tweġiba fin-negattiv.

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Dritt tal-Unjoni Ewropea*

#### 1. Id-Direttiva dwar l-Elettriku

4. Il-premessa 24 fil-preambolu tad-Direttiva dwar l-Elettriku tistipula li klijenti domestiċi — u, fejn l-Istati Membri jaraw li hu xieraq, impriżi żgħar — għandhom ikunu żgurati d-dritt li jkunu pprovduti b'elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet komparabbli, trasparenti u raġonevoli. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipproteġu l-konsumaturi vulnerabbli.

5. Skont il-premessa 26 tad-Direttiva dwar l-Elettriku, huwa rekwiżit fundamentali li jkun hemm rispett tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku. Għal dan il-għan, id-Direttiva tistabbilixxi standards minimi komuni li jqisu l-għanijiet tal-protezzjoni universali u tas-sigurtà tal-provvista.

6. L-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Elettriku, li jistabbilixxi r-regoli fir-rigward tal-obbligi tas-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-konsumatur, jipprovdi:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti domestiċi kollha, u, fejn l-Istati Membri jaraw bħala xieraq, l-impriżi ż-żgħar […] ikunu jgawdu servizzi universali, jiġifieri d-dritt li jkunu pprovduti b'elettriku ta' kwalità speċifikata fit-territorju tagħhom bi prezzijiet li jkunu raġonevoli, kumparabbli b'mod ħafif u ċar u trasparenti. Biex tkun żgurata d-dispożizzjoni ta' servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jaħtru fornitur bħala l-aħħar għażla tagħhom […]

[…]

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu lill-klijenti finali, u għandhom jiżguraw b'mod partikolari li jkun hemm salvagwardji adegwati biex jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri biex jgħinuhom jevitaw il-qtugħ tal-konnettività. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jipproteġu lill-klijenti finali f'żoni remoti. Dawn għandhom jiżguraw livelli għolja ta' protezzjoni tal-konsumatur, partikolarment fejn jikkonċerna t-trasparenza dwar termini u

6 — Direttiva tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).
7 — Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV (C-92/11).

kondizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali, u mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijent eliġibbli jkun fil-fatt jista' imur ma' fornitur ġdid. B'rabta minn ta' l-anqas mal-klijenti domestiċi, dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness A."

7. L-Anness A tad-Direttiva dwar l-Elettriku jispeċifika l-miżuri li Stati Membri għandhom jieħdu sabiex jipproteġu l-konsumaturi. Dan jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti tal-[Unjoni Ewropea] rigward il-protezzjoni tal-konsumaturi, partikolarment id-direttivi 97/7/KE [8] [u d-Direttiva 93/13], il-mizuri riferiti f'Artiklu 3 jiżguraw li l-Konsumaturi:

(a) ikollhom id-dritt ta' kuntratt ma' l-aġent ta' l-elettriku tagħhom li jispeċifika:

— […]

— Il-metodu kif l-aħħar teknoloġoja tista' tiġi adattata għas-servizz tal klijent

— id-dewmien tal-kuntratt, it-tiġdid u t-terminazzjoni tas-servizz, kif ukoll kull dritt biex xi parti tinħall mill-kuntratt

— kull kumpens jew radd lura ta' flus li jistgħu japplikaw jekk tonqos il-kwalità tas-servizz; […]

– ...

Il-kondizzjonijiet għandhom ikunu gudti imparzjali u magħrufa miz-zewg partijiet qabel il-firma tal-kuntratt. […]

(b) iridu jingħataw informazzjoni neċessarja dwar it-titjib fil-prodotti u l-mod ta' kif iridu jagħmlu biex itejbu s-servizz. L-agenti għandhom jagħrfu lill-klijenti Mekk ikun se jogħala xi prodott [dwar kwalunkwe żieda fil-piżijiet, fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perjodu wieħed fejn isir il-kont, wara li ż-żieda tkun daħlet fis-seħħ]. L-Istati Membri għamdhom jagħmlu minn kollox biex jagevolaw lill-klijenti li jridu jinħallu mill-kuntratti meta dawn jogħlilhom id-dawl.

(ċ) Jirċievu informazzjoni trasparenti fuq prezijiet ohara u l-kondizzjonijeit għandha terrifletti l-hlasijiet differenti. Il-konsumaturi għandom ikunu protetti minn reklami filoz. U kliem qarrieqi. Kollox għandu jkun ċar.

(d) Jindhaw diversi metodi ta' pagament. Kull differenza fil-kondizzjonijeit għandha tirrifletti l-hlasijiet differenti. Il-konsumaturi għandhom ikunu protetti minn reklami filoz. U kliem qarrieqi. Kollox għandu jkun ċar. […]"

2. Id-Direttiva dwar il-Gass

8. Skont il-premessa 26 tal-preambolu tad-Direttiva dwar il-Gass, l-Istati Membri għandhom jaċċertaw li, meta klijenti huma konnessi mas-sistema tal-gass, għandhom ikunu informati dwar id-drittijiet tagħhom li jiġu pprovduti b'gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezz raġonevoli. Miżuri meħudin mill-Istati Membri biex iħarsu l-klijent finali jistgħu jkunu differenti skont id-djar, minn naħa, u l-impriżi żgħar u medji, min-naħa l-oħra.

8 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod — Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament dwar l-Artikolu 6(1) — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 3(1)(i) (ĠU L 144, p. 19).

9. Il-premessa 27 tispeċifika wkoll li r-rispett tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku huwa rekwiżit fundamentali tad-Direttiva dwar il-Gass. Għalhekk, standards komuni minimi — li jqisu, *inter alia*, l-għanijiet tal-ħarsiet tal-konsumatur u s-sigurtà tal-fornitura — huma speċifikati f'din id-direttiva.

10. L-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Gass, bħall-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Elettriku, jiddefinixxi l-obbligu ta' servizz pubbliku li huwa d-dmir tal-kumpanniji li jipprovdu l-gass, u l-protezzjoni tal-konsumatur. Huwa jipprovdi:

"3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti finali u jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, b'mod partikolari, jaċċertaw illi hemm salvagwardji xieraq għall-ħarsien tal-klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri xierqa biex jgħinuhom jevitaw id-diskonnessjoni. F'dan il-kuntest jistgħu jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti f'żoni remoti li huma konnessi mas-sistema tal-gass. L-Istati Membri jistgħu jaħtru provditur ta' l-aħħar riżort għall-klijenti mqabbdin man-netwerks tal-gass. Għandhom jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari rigward trasparenza rigward it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-appalti, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijent eliġibbli effettivament jista' jaqleb għal provditur ġdid. Rigward klijenti tad-dar dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness A."

11. L-Anness A tad-Direttiva dwar il-Gass, bħal dak tad-Direttiva dwar l-Elettriku, jinkludi lista ta' miżuri li Stati Membri għandhom jieħdu sabiex jipproteġu l-konsumaturi. Dan jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għar-regoli [tal-Unjoni Ewropea] dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari [d-Direttiva 97/7] u [d-Direttiva 93/13], il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jaċċertaw li l-klijenti:

(a) għandhom dritt għal appalt mal-provditur tas-servizz tal-gass tagħhom li jispeċifika:

— [...]

— il-mezzi li bihom tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi kollha applikabbli u t-tariffi għall-manutenzjoni;

— it-terminu tal-kuntratt, il-kondizzjonijiet għat-tiġdid u t-terminazzjoni tas-servizzi u ta' l-appalti, l-eżistenza ta' kwalunkwe dritt ta' rtir;

— [...]

Il-kondizzjonijiet għandhom ikunu imparzjali u magħrufa sew minn qabel. Fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Fejn il-kuntratti jiġu konklużi permezz ta' intermedjarji, din l-informazzjoni għandha tingħata wkoll qabel il-konklużjoni tal-kuntratt:

(b) jingħata avviż xieraq dwar kwalunkwe intenzjoni li l-kondizzjonijiet tal-kuntratti jiġu modifikati u jiġu informati dwar id-dritt tagħhom ta' rtir meta jingħata l-avviż. Il-provdituri tas-servizzi għandhom javżaw lis-sottoskritti tagħhom direttament dwar kwalunkwe żieda fil-piżijiet, fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perjodu wieħed fejn isir il-kont, wara li ż-żieda tkun daħlet fis-seħħ. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijenti huma liberi li jirtiraw mill-kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet ġodda, notifikati lilhom mill-provditur tagħhom tas-servizzi tal-gass;

(ċ) jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet li japplikaw u t-tariffi u dwar termini kondizzjonijiet standard, rigward l-aċċess għal u l-użu tas-servizzi tal-gass;

(d) jiġu offruti għażla wiesgħa tal-metodi tal-ħlas. Kwalunkwe differenza fit-termini u l-kondizzjonijiet għandha tirrefletti l-ispejjeż lill-provditur tas-sistemi differenti tal-ħlas. It-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu imparzjali u trasparenti. Għandhom jingħataw f'lingwa ċara u li tinftiehem. […]

[…]

(g) imqabbda mas-sistema tal-gass jiġu informati dwar id-drittijiet tagħhom li jiġu forniti, taħt il-liġi nazzjonali li tapplika, bil-gass naturali ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli."

B – *Id-dritt Ġermaniż*

12. Meta seħħew il-fatti kkontestati, it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali fejn l-fornituri tal-elettriku kellhom iqabbdu kwalunkwe persuna mas-sistema tal-provvista tagħhom u li jipprovdu l-elettriku skont tariffi b'rata standard ġenerali (klijenti suġġetti għal tariffa standard), kienu rregolati bid-dispożizzjonijiet tal-Verordnung über Allgemeine Bedingungen für die Elekrizitätsversorgung von Tarifkunden (iktar 'il quddiem il-"AVBEltV") [9] u iktar tard permezz ta' dawk li jinstabu fil-Verordnung über Allgemeine Bedingungen für die Grundversorgung von Haushaltskunden und die Ersatzversorgung mit Elektrizität aus dem Niederspannungsnetz (iktar 'il quddiem lis-"StromGVV") [10]. Dawk id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu wkoll parti integrali mill-kuntratti ta' provvista ma' klijenti bit-tariffa standard.

13. L-Artikolu 4 tal-AVBEltV jipprovdi:

"(1) Il-fornitur tal-elettriku għandu jipprovdi [l-elettriku] skont it-tariffi standard applikabbli u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali.

(2) Tibdil fit-tariffi standard u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għandhom jidħlu fis-seħħ biss wara li jiġu ppubblikati."

14. Id-dritt ta' terminazzjoni jinstab fl-Artikolu 32 tal-AVBEltV, li jipprovdi:

"(1) Ir-relazzjoni kuntrattwali għandha tkompli mingħajr interruzzjoni sakemm waħda miż-żewġ partijiet tagħti xahar preavviż ta' terminazzjoni, liema preavviż jagħlaq fi tmiem ix-xahar […]

(2) Jekk it-tariffi standard ġenerali jinbidlu jew jekk il-fornitur tal-elettriku ibiddel il-kundizzjonijiet ġenerali skont dan ir-regolament, il-klijent jista' jagħti ġimagħtejn preavviż sabiex jittermina r-relazzjoni kuntrattwali, liema preavviż jagħlaq fi tmiem ix-xahar wara l-pubblikazzjoni."

15. L-Artikolu 5(2) tas-StromGVV jiddisponi:

"It-tibdiliet fil-prezzijiet ġenerali u fit-termini u l-kundizzjonijiet l-oħra jidħlu fis-seħħ fil-bidu tax-xahar rilevanti, iżda biss wara l-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom, li għandu jseħħ tal-inqas sitt ġimgħat qabel il-bidla ppjanata. Fl-istess waqt li jagħmel il-pubblikazzjoni, il-fornitur bażiku huwa mitlub li jibgħat notifika bil-miktub lill-klijent bil-bidliet ippjanati u li jippubblika l-bidliet fuq is-sit elettroniku tiegħu. Tibdil fit-tariffi standard u fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali jidħlu fis-seħħ biss wara li jiġu ppubblikati."

9 — Regolament tal-21 ta' Ġunju 1979, dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-provvista tal-elettriku lil klijenti b'tariffa standard (BGBl I, p. 684).

10 — Regolament tas-26 ta' Ottubru 2006, dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-provvista bażika ta' klijenti domestiċi u l-provvista alternattiva tal-elettriku mill-grid b'vultaġġ baxx (BGBl. I, p. 2391).

16. Skont l-Artikolu 20 tas-StromGVV, il-preavviż ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' provvista bażika jiskadi fi tmiem ix-xahar rilevanti.

17. Meta seħħew il-fatti kkontestati, it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali fejn il-fornituri tal-gass kellhom iqabbdu kwalunkwe persuna mas-sistema tal-provvista tagħhom u li jipprovdu l-gass skont tariffi standard ġenerali (klijenti suġġetti għal tariffa standard), kienu rregolati bid-dispożizzjonijiet tal-Verordnung über Allgemeine Bedingungen für die Gasversorgung von Tarifkunden (iktar 'il quddiem l-"ABVGasV") [11]. Dawk id-dispożizzjonijiet ikkostitwixxu parti integrali tal-kuntratti ta' provvista ma' klijenti bit-tariffa standard.

18. L-Artikolu 4 tal-AVBGasV jipprovdi:

"(1) Il-fornitur tal-gass għandu jipprovdi l-gass skont it-tariffi standard applikabbli u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali [...]

(2) Tibdil fit-tariffi standard u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali jidħlu fis-seħħ biss wara li jiġu ppubblikati."

19. Id-dritt ta' terminazzjoni huwa stipulat fl-Artikolu 32 tal-AVBGasV hekk kif ġej:

"(1) Ir-relazzjoni kuntrattwali għandha tkompli mingħajr interruzzjoni sakemm waħda miż-żewġ partijiet tagħti xahar preavviż ta' terminazzjoni, liema preavviż jagħlaq fi tmiem ix-xahar [...]

(2) Jekk jinbidlu t-tariffi standard ġenerali jew jekk il-fornitur tal-gass ibiddel il-kundizzjonijiet ġenerali skont dan ir-regolament, il-klijent jista' jagħti ġimagħtejn preavviż sabiex jittermina r-relazzjoni kuntrattwali, liema preavviż jagħlaq fi tmiem ix-xahar wara l-pubblikazzjoni."

20. Barra minn hekk, id-dritt ta' kemm il-fornitur tal-elettriku kif ukoll dak tal-gass li jibdlu unilateralment it-tariffi huwa limitat bil-ġurisprudenza tal-qorti tar-rinviju, li tagħti l-fornituri d-dritt li jvarjaw t-tariffi biss sa fejn dawk il-bidliet jibqgħu raġonevoli. Għaldaqstant, tariffi jistgħu jinbidlu meta d-diskrezzjoni tkun eżerċitata b'mod raġonevoli u kull bidla torbot il-parti l-oħra biss jekk din tkun raġonevoli. Għal dan il-għan, kull bidla fit-tariffa hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Ir-rekwiżit ta' raġonevolezza jimplika wkoll li l-fornituri għandhom l-obbligu li jqisu li jista' jkun hemm tnaqqis fl-ispiża.

## II – **Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, il-proċedura u d-domandi magħmula**

21. Fil-Kawża C-359/11, il-kumpannija Technische Werke Schussental GmbH (iktar 'il quddiem "TWS"), fornitur ta' gass naturali, tipprovdi lil A. Schulz, klijenta bit-tariffa standard li tħallas ir-rata domestika, bil-gass bil-pajplajn fil-proprjetà tagħha ġewwa Baienfurt. Għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 sal-1 ta' Jannar 2007, TWS żiedet għal erba' darbiet il-prezz tal-gass ipprovdut; fl-1 ta' April 2007 il-prezz naqas għal darb'oħra. A. Schulz oġġezzjonat għall-bidla fit-tariffi fir-rendikonti annwali tagħha għas-snin 2005, 2006 u 2007, għar-raġuni li hija kkunsidrat iż-żieda fit-tariffa bħala waħda mhux raġonevoli.

22. Fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, TWS talbet għall-pagament tal-ammont pendenti għas-snin bejn l-2005 u l-2007. L-Amtsgericht (il-Qorti Lokali) laqgħet it-talba ta' TWS għall-pagament tas-somma ta' EUR 2 733.12, flimkien mal-interessi u l-ispejjeż ġudizzjarji. Il-qorti tal-appell ċaħdet l-appell mressaq minn A. Schulz, iżda tatha d-dritt li tressaq appell lill-qorti tar-rinviju fuq punt ta' liġi (iktar 'il quddiem ir-"reviżjoni").

11 — Regolament tal-21 ta' Ġunju 1979, dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-provvista ta' gass lil klijenti domestiċi b'tariffa standard (BGBl. I, p. 676).

23. F'dak il-kuntest, billi l-Bundesgerichtshof kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-liġi inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, din iddeċidiet li tissospendi l-kawża u tirrinvija d-domanda segwenti għal deċiżjoni preliminari:

"L-Artikolu 3(3) moqri flimkien mal-punti (b) u/jew (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tirrigwarda r-reviżjoni tal-prezzijiet f'kuntratti ta' provvista ta' gass naturali konklużi ma' klijenti domestiċi, li jirċievu l-provvisti fl-ambitu tal-obbligu ġenerali ta' provvista (klijenti suġġetti għal tariffa standard), tissodisfa r-rekwiżiti marbuta mal-grad neċessarju ta' trasparenza jekk, għalkemm ir-raġuni, ir-rekwiżiti u l-portata tar-reviżjoni ma jirriżultawx fiha, il-klijenti jkunu madankollu żgurati li l-impriża tad-distribuzzjoni tal-gass tinformahom minn qabel, permezz ta' preavviż raġonevoli, b'kull żieda fil-prezz, u dawn ikunu liberi li jirrexxindu l-kuntratt fil-każ li ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet ġodda nnotifikati lilhom?"

24. Fil-Kawża C-400/11, il-kumpannija Stadtwerke Ahaus GmbH (iktar 'il quddiem "SWA") hija distributur muniċipali li tipprovdi lil J. Egbringhoff bil-provvista tal-gass u tal-elettriku. Fir-rendikont tagħha għas-sena 2004, SWA stabbiliet il-prezz għall-provvista tal-gass tagħha għal 3.521 ċenteżmu/kWh u l-provvista tal-elettriku għal 9.758 ċenteżmu/kWh.

25. F'diversi okkażjonijiet bejn l-2005 u l-2008, SWA żiedet il-prezz tal-elettriku u tal-gass ipprovdut. Kull waħda minn dawn iż-żidiet ġiet ippubblikata. Fit-18 ta' Jannar 2008, J. Egbringhoff oġġezzjona għar-rendikont datat is-6 ta' Jannar 2006 maħruġ minn SWA fir-rigward tal-provvista tal-gass u tal-elettriku għall-2005 għar-raġuni li dan ma kienx raġonevoli. Minkejja dan, huwa xorta waħda għamel pagament kundizzjonali għall-ispejjeż żejda li jinstabu fil-kontijiet għas-snin ta' kontabbiltà 2005, 2006 u 2007. SWA injorat it-talbiet ripetuti ta' J. Egbringhoff sabiex din turi li l-prezzijiet mitluba kienu raġonevoli u sabiex din tħallas lura l-ispejjeż tal-provvista tal-elettriku u tal-gass għall-ammont komplessiv ta' EUR 746.54 li J. Egbringhoff ikkunsidra li mhux dovuti.

26. Permezz ta' kawża ppreżentata fit-30 ta' Diċembru 2008, J. Egbringhoff sostna li SWA għandha tħallsu lura l-ammont ta' EUR 746.54, flimkien mal-interessi. Huwa talab ukoll għal dikjarazzjoni li SWA għandha tieħu t-tariffi effettivi fl-2004 bħala l-bażi sabiex din tikkalkula l-prezzijiet tagħha għall-provvista tal-elettriku u tal-gass għas-sena ta' rendikont 2008. Għalkemm dik il-kawża ġiet miċħuda fil-qrati inferjuri, huwa ngħata l-fakoltà li jinterponi appell quddiem il-qorti tar-rinviju fuq punt ta' liġi.

27. Hekk kif ġara fl-appell imressaq minn A. Schulz, il-Bundesgerichtshof kellha dubji fil-kawża ta' J. Egbringhoff dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Hija għalhekk iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tirrinvija d-domanda segwenti għal deċiżjoni preliminari:

"L-Artikolu 3(5) flimkien mal-paragrafi (b) u/jew (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jiġi interpretat fis-sens li, leġiżlazzjoni nazzjonali dwar bidliet fil-prezzijiet fil-kuntratti tal-provvista tal-elettriku magħmula ma' klijenti residenzjali li huma fornuti bħala parti mill-obbligu ġenerali ta' provvista (klijent bit-tariffi standard) tissodisfa r-rekwiżiti ta' trasparenza jekk ma tippreċiżax il-motivi, il-kundizzjonijiet u l-importanza ta' bidla eventwali fil-prezzijiet, iżda li fi kwalunkwe każ tiggarantixxi li l-fornitur tal-elettriku javża lill-klijenti tiegħu bi kwalunkwe żieda fil-prezz fi żmien xieraq u li dawn tal-aħħar jingħataw id-dritt li jtemmu l-kuntratt permezz ta' xoljiment, jekk ma jkunux jixtiequ jaċċettaw il-bdil fil-kundizzjonijiet li jkunu ġew ikkomunikati lilhom?"

28. Fil-Kawża C-359/11, TWS, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Fil-Kawża C-400/11, J. Egbringhoff, SWA, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

29. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fis-7 ta' Jannar 2014, dawn il-kawżi ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza. A. Schulz, TWS, J. Egbringhoff u SWA ppreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014, hekk kif għamlu wkoll il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni.

## III – **Analiżi**

### A – *Il-kuntest*

30. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob sa fejn huwa ssodisfatt ir-rekwiżit ta' trasparenza li jinstab fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass, fejn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jirregolaw il-provvista tal-elettriku u l-gass skont l-OSU, ma jagħmlux iktar milli jipprovdu dritt ta' terminazzjoni tal-kuntratt, u dan għar-rigward ta' sitwazzjoni fejn il-fornitur ta' servizz jiddeċiedi li jibdel il-prezzijiet unilateralment u wara li jkun ta preavviż adegwat [12]. Meta din it-talba qiegħda tkun ikkunsidrata, għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-fatt li dawk id-dispożizzjonijiet ma jeħtiġux li l-fornitur li qed jopera skont l-OSU, li jiżvela informazzjoni lill-klijent dwar ir-raġunijiet, il-prerekwiżiti u l-importanza ta' bidla eventwali fil-prezzijiet.

31. Il-ħtieġa li tingħata gwida dwar ir-rekwiżit ta' trasparenza li jinstab fid-Direttivi dwar l-Enerġija tirriżulta fil-kuntest tal-isforzi fuq livell tal-Unjoni Ewropea sabiex is-suq Ewropew tal-enerġija jinfetaħ u jiġi liberalizzat. Dan il-proċess ta' liberalizzazzjoni jipproċeda fuq il-bażi tal-istess prinċipji fil-każ kemm tal-elettriku u tal-gass naturali u għalhekk jidher xieraq li tingħata tweġiba waħda għad-domandi magħmula, għalkemm ċerti differenzi importanti jistgħu jiġu identifikati bejn iż-żewġ strumenti legali [13].

32. Billi l-għanijiet prinċipali tad-Direttivi dwar l-Enerġija huma identiċi, ir-rekwiżit ta' trasparenza għandu jkun interpretat bl-istess mod fiż-żewġ strumenti. L-għanijiet huma doppji. Minn naħa, kif ġa aċċennajt iktar 'il fuq, l-għan prinċipali tad-Direttivi dwar l-Enerġija huwa li tkun żgurata il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija permezz tal-introduzzjoni gradwali tal-kompetizzjoni f'settur li huwa tradizzjonalment ikkaratterizzat b'monopolji nazzjonali. Jiġifieri, dawk id-direttivi huma mfassla sabiex jiżguraw it-twettiq ta' suq intern fl-enerġija [14]. Min-naħa l-oħra, dawn iqiegħdu wkoll enfasi partikolari fuq il-bżonn li tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista [15].

33. Dan l-għan tal-aħħar huwa direttament marbut mal-OSU stipulat fl-Artikolu 3 tad-Direttivi dwar l-Enerġija. OSU — bħal dak stipulat fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi dwar l-Enerġija — huwa implementat sabiex jiżgura li servizz (f'dan il-każ, il-fornitura tal-enerġija) huwa pprovdut lil konsumaturi għal prezz raġonevoli u skont kundizzjonijiet raġonevoli, irrispettivament mis-sitwazzjoni ekonomika, soċjali jew ġeografika tal-konsumatur [16]. Fi kliem ieħor, din is-sistema tikkomplementa

12 — Is-seduta ċċarat li d-domandi magħmula huma dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u mhux dwar l-effett dirett li jista' jkun hemm tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kuntest tal-kawża prinċipali. F'dan is-sens, il-kwistjoni jekk — u jekk hu hekk, sa fejn — dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu interpretati li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea ma huwiex rilevanti hawnhekk.

13 — Anki eżami ta' malajr tal-Artikoli 3 tad-Direttivi dwar l-Enerġija jikkonfermaw dan il-punt. Fil-fatt, kummentatur iddiskriva d-Direttiva dwar il-Gass bħala li hija 'inqas komprensiva' mid-Direttiva dwar l-Elettriku fir-rigward tal-OSU u l-ħtieġa li jkunu żgurati prezzijiet raġonevoli. Ara, f'dak ir-rigward, S. Pront-van Brommel, "The Development of the European Electricity Market in a Juridical No Man's Land", f'A. Dorsman, *et* (edizzjonijiet), *Financial Aspects in Energy*, Springer-Verlag, Berlin: 2011, p. 167 sa 193, fi p. 187.

14 — Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2001, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq.

15 — *Ibid* (p. 41).

16 — Dwar il-kunċett ta' servizz universali b'mod ġenerali, ara P. Rott, "A New Social Contract Law for Public Services? — Consequences from Regulation of Services of General Economic Interest in the EC", *European Review of Contract Law* (1) 2000, p. 323 sa 345, b'mod partikolari fi p. 330 *et seq.* Ara wkoll P. Nihoul, "The status of consumers in European liberalisation directives", *Yearbook of Consumer Law*, 2009, p. 67 sa 106.

s-servizzi mogħtija f'suq kompetittiv u għalhekk jopera bħala "xibka ta' sigurtà" għal dawk il-klijenti l-iktar vulnerabbli [17]. Iżda, mil-lat tal-fornituri tal-enerġija, l-OSU jtellef b'mod sostanzjali l-libertà tagħhom li jwettqu negozju, b'mod partikolari meta l-prezzijiet offruti skont l-OSU għandhom ikunu raġonevoli [18].

34. Il-kawżi pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju jirriflettu biċ-ċar id-diffikultajiet inerenti sabiex ikunu rikonċiljati l-interessi tal-klijenti finali pprovduti bl-enerġija skont OSU u dawk tal-fornituri ta' servizz li joperaw permezz tiegħu. Il-kawżi jinvolvu kuntratti għall-provvista universali [19] tal-elettriku u/jew tal-gass. Jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li, skont din is-sistema ta' provvista, fornituri tal-enerġija fil-Ġermanja huma marbuta bid-dmir statutorju sabiex iqabbdu mas-sistema tal-provvista tagħhom lil kwalunkwe persuna u li jipprovdu l-elettriku u l-gass skont prezzijiet ġenerali b'tariffa standard. Fi kliem ieħor, dawn il-kuntratti, li huma rregolati b'liġi nazzjonali, ma jaqgħux taħt l-isfera ta' libertà kuntrattwali. Dan jidher bl-iktar mod ċar mill-fatt li fornituri ta' servizz huma marbuta bid-dispożizzjonijiet rilevanti nazzjonali sabiex jidħlu f'kuntratti anki ma' klijenti mhux mixtieqa. Bl-istess mod, dawk ir-regoli inaqqsu sostanzjalment il-possibbiltajiet għal fornituri ta' servizz li jitterminaw kuntratti ma' dawk il-klijenti (forma ta' interferenza li hija mħeġġa b'mod ċar mill-Artikolu 3 tad-Direttivi dwar l-Enerġija, li jeħtieġu li Stati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li diskonnessjoni tkun evitata).

35. Kif issemma fil-qosor iktar 'il fuq, is-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża RWE Vertrieb tipprovdi espressament gwida dwar il-miżura xierqa li għandha tintuża fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza skont id-Direttiva 93/13. Għalkemm dik il-kawża tirrigwarda prinċipalment dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13, din ittrattat ukoll id-Direttiva dwar il-Gass, ġaladarba l-kontenut tal-kuntratti inkwistjoni kien dwar il-provvista tal-gass naturali fuq il-bażi ta' "kuntratti speċjali" [20].

36. Iżda, huwa importanti li jkun innotat li d-Direttiva 93/13 teskludi espressament mill-portata tagħha — skont l-Artikolu 1(2) — klawżoli kuntrattwali li "jirriflettu dispożizzjonijiet mandatarji, statutorji jew regolatorji". Din hija r-raġuni għalfejn dik id-direttiva mhux applikabbli għall-kuntratti hawnhekk inkwistjoni, punt li huwa aċċettat mill-partijiet kollha li ppreżentaw sottomissjonijiet [21]. Dan jispjega wkoll għalfejn l-qorti tar-rinviju qed titlob gwida fuq ir-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fid-Direttivi dwar l-Enerġija, iżda mhux fir-rigward tad-Direttiva 93/13.

37. Madankollu, ġaladarba A. Schulz, J. Egbringhoff u l-Kummissjoni kollha ssottomettew li d-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża RWE Vertrieb dwar ir-rekwiżit ta' trasparenza skont id-Direttiva 93/13 jista' jiġi traspost direttament fil-kuntest preżenti, ser nibda billi nispjega għalfejn ma nikkunsidrax li dan huwa xieraq.

17 — P. Rott, *op. cit.*, p. 330.

18 — Filwaqt li l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku jinkludi referenza għal prezzijiet raġonevoli, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass jibqa' sieket fuq din il-kwistjoni. Iżda, dik id-diskrepanza ma tistax, fil-fehma tiegħi, tiġi interpretata li tfisser li ebda rekwiżit li jappartjeni mal-ħtieġa li jkunu żgurati prezzijiet raġonevoli jeżistu fir-rigward tal-fornitura tal-gass skont il-OSU previst f'dik id-dispożizzjoni. Dan hu hekk għar-raġuni li d-dritt li wieħed ikun fornut bil-gass naturali għal prezzijiet raġonevoli huwa stipulat espressament fil-premessa 26 tal-preambolu tad-Direttiva dwar il-Gass kif ukoll fil-punt (g) tal-Anness A ta' dik id-direttiva.

19 — Skont id-dritt Ġermaniż, fornituri tal-enerġija għandhom il-possibbiltà li jidħlu f'kuntratti ma' konsumaturi għall-provvista tal-elettriku u tal-gass, u dan fuq il-bażi tal-libertà kuntrattwali. Dan it-tip ta' kuntratt huwa, għal raġunijiet storiċi, msejjaħ bħala "kuntratt speċjali". B'żieda mal-possibbiltà li jiġu konklużi dawk il-kuntratti, il-fornituri huma obbligati skont il-liġi nazzjonali sabiex jidħlu f'kuntratti ma' klijenti fejn tariffa standard hija applikata (kuntratti suġġetti għal obbligu ta' servizz universali).

20 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 19 iktar 'il fuq.

21 — Għalhekk mhux sejjer nittratta l-kwisjoni iktar ġenerali — u l-iktar diskussa — dwar dawk li jistgħu jew ma jistgħux jikkostitwixxu klawżoli kutrattwali li "jirriflettu dispożizzjonijiet mandatarji statutorji u regolatorji".

B – *Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża RWE Vertrieb u l-implikazzjonijiet tagħha għall-kawżi inkwistjoni*

38. Fil-kawża RWE Vertrieb, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet gwida ċara dwar il-kejl xieraq li għandu jintuża fl-istħarriġ ta' klawżoli kuntrattwali (mhux) ġusti li jirregolaw kuntratti għall-provvista tal-gass li — waqt li tagħmel referenza espressa għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali tat-tip li hawn hawnhekk, partikolarment, l-Artikolu 4 tal-ABVGasV — huma konklużi fuq il-bażi tal-libertà kuntrattwali. Il-klawżola kuntrattwali standard inkwistjoni fil-kawża RWE Vertrieb, li permezz tagħha l-fornitur tal-gass inkwistjoni rriżerva d-dritt li jibdel il-prezzijiet, ikkostitwixxiet referenza sempliċi għal dawk id-dispożizzjonijiet. Il-liġi, min-naħa l-oħra, tirriferi għat-tariffi standard applikabbli u għat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja, meta mitluba sabiex tikkjarifika t-tifsira tar-rekwiżit ta' trasparenza skont id-Direttiva 93/13, enfasizzat il-ħtieġa li jkun żgurat li kuntratt għandu jistabbilixxi b'mod trasparenti *r-raġuni għal u l-metodu għat-tibdil* tat-tariffi applikabbli. Dan jippermetti lill-konsumatur sabiex jipprevedi, fuq il-bażi ta' kriterji ċari u li jinftehmu, il-bidliet li jistgħu jinqalgħu fir-rigward ta' dawk it-tariffi. Barra dan, id-dritt ta' terminazzjoni tal-kuntratt kien ikkunsidrat li jġorr piż partikolari għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ekwità ta' dawk il-klawżoli kuntrattwali standard[22].

39. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet f'idejn il-qorti tar-rinviju sabiex tagħmel l-evalwazzjoni dwar l-ekwità tal-klawżoli kuntrattwali standard. Hija indikat ukoll b'mod ċar li l-obbligu li l-konsumatur ikun mgħarraf bir-raġuni għal u l-metodu ta' tibdil ta' dawk l-ispejjeż u d-dritt tiegħu li jittermina l-kuntratt ma kienx issodisfatt b'referenza biss, fit-termini u fil-kundizzjonijiet ġenerali, għal-liġi li tiddetermina d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet. Fil-kawża RWE Vertrieb, ġie kkunsidrat li kien ta importanza partikolari, li l-konsumatur ikun infurmat mill-bejjiegħ jew mill-fornitur, tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni — jew pjuttost, id-drittijiet li joħorġu minn dawk id-dispożizzjonijiet — u dan *qabel* il-konklużjoni tal-kuntratt[23]. Fil-fehma tiegħi, dik il-konklużjoni kienet iġġustifikata, ladarba r-regoli nazzjonali inkwistjoni rreferew biss għat-tariffi standard applikabbli u għal dawk it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali.

40. Jekk din l-interpretazzjoni kellha tiġi trasposta direttament fil-kuntest preżenti, il-konklużjoni inevitabbli tkun li d-dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fid-Direttivi dwar l-Enerġija. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni hawnhekk jiżguraw li kuntratt jista' jiġi terminat meta klijent ma jaqbilx mal-bidla fil-prezzijiet magħmula unilateralment mill-fornitur tas-servizz, dawn jonqsu milli jitolbu lill-fornitur tal-elettriku u tal-gass inkwistjoni sabiex *jinforma* l-klijent bir-raġuni għal u l-metodu tat-tibdil fil-prezzijiet.

41. Inkun kawt li tingħata interpretazzjoni estensiva tal-kawża RWE Vertrieb.

42. Kif intqal iktar 'il fuq, il-kuntratti kkunsidrati fil-kawża RWE Vertrieb kienu ġew konklużi fuq il-bażi tal-libertà kuntrattwali. Iżda, id-dispożizzjonijiet dwar it-tibdil fil-prezzijiet tal-gass li jinstabu fit-termini u fil-kundizzjonijiet ġenerali mdaħħla f'dawk il-kuntratti għamlu referenza għal-liġijiet nazzjonali (partikolarment l-Artikolu 4 tal-ABVGasV) li jirregolaw kuntratti ta' provvista universali, simili għal każ preżenti. Id-diċitura tat-termini u tal-kundizzjonijiet ġenerali inkwistjoni fil-kawża RWE Vertrieb għamlet referenza għal-liġi nazzjonali li kienet kompletament siekta dwar iċ-ċirkustanzi fejn it-tibdil fil-prezzijiet kellu jkun permess. Barra minn hekk, il-liġi nazzjonali ma pprevedietx kuntratti tat-tip li jinstabu fil-kawża RWE Vertrieb, iżda biss kuntratti ta' provvista universali[24]. F'dawk

22 — Sentenza RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV, iċċitata iktar 'il fuq (punt 55 u d-dispożittiv).

23 — *Idem.*

24 — Ara s-sentenza RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV, iċċitata iktar 'il fuq (punti 17 u 18).

iċ-ċirkustanzi, referenza sempliċi għal dawk id-dispożizzjonijiet, mingħajr ebda spjegazzjoni oħra li tikkonċerna l-kontenut tagħhom, ma kinitx ikkunsidrata mill-Qorti tal-Ġustizzja li kienet kompatibbli mal-"Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13 *flimkien mal-*Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55" (korsiv miżjud) [25].

43. Hekk kif issottometta l-Gvern Ġermaniż, il-kawża RWE Vertrieb evalwat l-implikazzjonijiet tar-rekwiżiti ta' trasparenza stipulati fid-Direttiva 93/13 u fid-Direttiva dwar il-Gass, meta moqrija flimkien. Fil-fehma tiegħi, l-użu tal-kliem "flimkien ma'" jeskludu mill-bidu nett il-possibbiltà li wieħed jittrasponi l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża RWE Vertrieb f'kuntesti oħra, bħall-każijiet ineżami hawnhekk, fejn d-Direttiva 93/13 mhux applikabbli [26]. Tabilħaqq, skont il-kuntest legali fil-kawża RWE Vertrieb u r-referenzi għal-ġurisprudenza dwar id-Direttiva 93/13 [27], jidhirli b'mod ċar li l-enfasi prinċipali tal-eżerċizzju interpretattiv imwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja kien tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 93/13.

44. Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja stess aċċettat, ir-raġunament sabiex ġew esklużi mill-portata tad-Direttiva 93/13, dawk il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali li jirregolaw ċertu tip ta' kuntratt, jinstab fil-fatt li ġa kien sar l-eżerċizzju ta' bilanċ intiż sabiex jirrikonċilja l-interessi involuti. Tabilħaqq, wieħed jista' leġittimament jassumi li l-leġiżlatura nazzjonali laħqet bilanċ xieraq bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet ta' dawk il-kuntratti [28].

45. Dik hija preċiżament il-pożizzjoni hawnhekk.

46. Punt li ma għandux ikun injorat huwa dak, b'kuntrast ma' dawk il-kuntratti fil-kawża RWE Vertrieb — li kienu ġew apposta esklużi mill-portata tal-liġi nazzjonali f'kuntratti għall-provvista universali — il-kuntratti li qed jiġu kkunsidrati hawnhekk huma fil-fatt regolati b'dik il-liġi nazzjonali, jiġifieri, bil-ABVGasV (kif ukoll l-AVBEltV u s-StromGVV). Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li intenzjoni dikjarata mill-partijiet sabiex jestendu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi għal tip ta' kuntratt differenti ma tistax tkun imqabbla mat-twaqqif, mil-leġiżlatura nazzjonali, ta' bilanċ bejn id-drittijiet u d-dmirijiet kollha tal-partijiet tal-kuntratt inkwistjoni [29].

47. Din hi r-raġuni għala naqbel kompletament mal-Gvern Ġermaniż li, fiċ-ċirkustanzi fejn id-Direttiva 93/13 ma tkunx applikabbli, l-uniku punt rilevanti ta' referenza sabiex jiġi evalwat jekk il-liġi nazzjonali tissodisfa jew le r-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fid-Direttivi dwar l-Enerġija, għandu jinstab fi ħdan dawk iż-żewġ direttivi. Issa ser nipprova nagħti ftit dawl fuq dak ir-rekwiżit.

### C – *Ir-rekwiżit ta' trasparenza skont id-Direttivi dwar l-Enerġija*

48. Ir-rekwiżit ta' trasparenza fir-rigward ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali huwa stipulat fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma intiżi sabiex jiżguraw — flimkien mal-għan ewlieni tal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija — "livelli għolja ta' protezzjoni tal-konsumatur, partikolarment fejn jikkonċerna t-trasparenza dwar termini u kundizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali, u mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet".

25 — *Idem*, punt 55 u d-dispożittiv.

26 — Ara wkoll l-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fid-29 ta' Mejju 2013 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-95/12, punt 32).

27 — Sentenza tas-26 ta' April 2012, Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság vs Invitel Távközlési Zrt (C-472/10, punti 24, 26 u 28).

28 — Sentenza RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV, iċċitata iktar 'il fuq (punt 28). Ara wkoll il-punt 47 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fl-istess kawża.

29 — *Idem*, punt 29.

49. Wieħed jista' jqis li l-kontenut ta' dawk id-dispożizzjonijiet ftit li xejn jgħinu sabiex tiġi determinata x'jinkludu l-kliem "it-trasparenza fir-rigward ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali". Tabilħaqq, jista' jiġi argumentat, kif għamlet il-Kummissjoni, li minkejja d-differenzi bejn iċ-ċirkustanzi li huma l-bażi tal-kawżi odjerni u dawk tal-kawża RWE Vertrieb li taw lok għal dik is-sentenza, ikun iġġustifikat li r-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fid-Direttivi dwar l-Enerġija jkun interpretat fl-istess mod bħal dak stipulat fid-Direttiva 93/13. Dan ikun meħtieġ, partikolarment, fl-interess tal-protezzjoni tal-konsumatur.

50. Sabiex nuri għala ma naqbilx ma' dan il-ħsieb, sejjer l-ewwel nindirizza ir-raġunijiet li huma l-bażi tad-Direttiva 93/13 u tad-Direttivi dwar l-Enerġija u kif dawk ir-raġunijiet jolqtu r-rekwiziti imposti fuq il-kummerċjanti u l-fornituri ta' servizz rispettivament. Wara sejjer nelabora kif, fil-fehma tiegħi, l-interessi diverġenti tal-fornituri ta' servizz u tal-klijenti jistgħu jiġu rikonċiljati fil-kuntest speċifiku tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija.

1. Kuntratti magħmula liberament, b'kuntrast mal-kuntratti magħmula fil-kuntest ta' OSU

51. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet fil-kawża RWE Vertrieb li informazzjoni li tikkonċerna l-motivi, il-kundizzjonijiet u l-importanza ta' bidla eventwali fil-prezzijiet għandha tingħata *qabel* il-konklużjoni tal-kuntratt. F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawżi quddiem il-qrati tar-rinviju, ma narax il-ħtieġa li wieħed jieħu dak l-atteġġament. Ir-raġuni għal dan jinstab fil-kuntest differenti li fih joperaw il-kuntratti koperti bid-Direttiva 93/13 meta mqabbla ma' dawk koperti bid-Direttivi dwar l-Enerġija.

52. Punt sinjifikattiv huwa dak, li jaqa' fl-isfera tal-libertà kuntrattwali, u fejn tapplika d-Direttiva 93/13, meta kummerċjanti jibqgħu ħielsa li *ma* jidħlux f'kuntratt ma' konsumatur speċifiku [30]. Huma għandhom ukoll l-għażla, mhux bħall-fornituri ta' servizz li joperaw skont l-OSU, li jibdlu l-prezzijiet mingħajr il-ħtieġa li jkun osservat il-kriterju ta' raġonevolezza stabbilit fid-Direttivi dwar l-Elettriku u l-Gass fl-(Artikolu 3(5) u punt (g) tal-Anness A rispettivament). F'din ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-konsumatur u l-kummerċjant, il-konsumatur jinstab, mingħajr dubju, fil-pożizzjoni l-iktar dgħajfa. Dan hu hekk, partikolarment, peress li l-konsumatur għandu biss saħħa limitata ta' negozjar fil-konfront ta' kummerċjanti professjonali (u, partikolarment, għal dak li jirrigwarda t-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali standard).

53. F'dawk iċ-ċirkustanzi, hija ta' importanza kbira li wieħed ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa qabel ma jikkonkludi l-kuntratt [31]. Fl-analiżi finali, din l-informazzjoni għandha tippermetti lill-konsumatur sabiex jagħmel għażla għaqlija bejn kummerċjanti u, essenzjalment, sabiex iqabbel it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kuntratti li dawk il-kummerċjanti jipproponu [32]. Hija ta' għajnuna lill-konsumatur li jkun jista' jagħżel minn fost diversi kummerċjanti — hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li aċċettat fil-kawża RWE Vertrieb — jekk ikun infurmat, qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt, bir-raġuni tal-bidla eventwali fil-prezzijiet u l-metodu ta' kif dawn jiġu kkalkulati.

30 — P. Nihoul, *op. cit.*, dwar kif ma jistax ikun awtomatikament ikkunsidrati li l-klijenti kollha huma tal-istess importanza u tal-istess valur għall-kumpanniji li qed ifittxu klijenti.

31 — Tabilħaqq, ir-raġunament tad-Direttiva 93/13 huwa preċiżament sabiex jingħata rimedju għal dan l-iżbilanċ u jerġa' jistabbilixxi l-ugwaljanza bejn il-konsumatur u l-kummerċjant. Ara, dwar dan, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Mohamed Aziz vs Caixa d'Estalvis de Catalunya, Tarragona i Manresa (Catalunyacaixa), (C-415/11, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 — Skont awtur, din hija l-"funzjoni kompettitiva" tar-rekwiżit ta' trasparenza stabbilit bid-Direttiva 93/13. Ara H. -W. Micklitz, "Chapter 3. Unfair terms in consumer contracts", fi H.-W. Micklitz, N. Reich u P. Roth, *Understanding EU Consumer Law*, Intersentia, Antwerpen: 2009, p. 119 sa 150, fi p. 138.

54. B'kuntrast, kuntratti rregolati mill-OSU stipulati fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar l-Gass joperaw fi ħdan kuntest differenti. Dak il-kuntest jissejjaħ liberalizzazzjoni tas-suq. Iżda, kif imsemmi iktar 'il fuq jidher kemm mill-preambolu [33] ta' dawk iż-żewġ direttivi kif ukoll mit-*travaux préparatoires* [34] li l-garanzija tas-sigurtà tal-provvista u t-teħid ta' miżuri sabiex tiġi evitata diskonnessjoni — fil-portata ta' dak l-OSU — huwa kkunsidrat ta' importanza primordjali [35].

55. Mingħajr dubju, il-kisba ta' dawk l-għanijiet tippresupponi li l-fornituri ta' servizz jibqgħu ekonomikament vijabbli. Waħda mir-raġunijiet għal dan hija li huma meħtieġa li jipprovdu servizz minimu lill-klijenti kollha eliġibbli skont kundizzjonijiet standardizzati f'sitwazzjoni fejn il-libertà tagħhom li jistabbilixxu l-prezzijiet u li jxolju l-kuntratti ma' klijenti mhux mixtieqa, huwa limitat sew permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali. Għaldaqstant, wieħed għandu jaċċetta li fornituri ta' servizz li joperaw skont ir-restrizzjonijiet ta' OSU jistgħu jgħaddu ż-żieda fl-ispejjeż għal fuq il-konsumaturi; dan jidher li huwa l-mezz xieraq sabiex jista' jkun rikonċiljat il-kunflitt inerenti bejn iż-żewġ għanijiet tad-Direttivi dwar l-Enerġija.

56. Għalhekk, kif osservat il-qorti tar-rinviju, il-punt (b) tal-Anness A taż-żewġ Direttivi dwar l-Enerġija, li jippermettu li jsiru modifiki fil-kundizzjonijiet kuntrattwali u fil-bidla tal-prezz, jirrikonoxxu espliċitament li l-fornituri ta' servizz li qed joperaw skont ir-restrizzjonijiet ta' OSU għandhom interess leġittimu sabiex jgħaddu ż-żieda fl-ispejjeż waqt il-perijodu kuntrattwali lil klijenti u dan mingħajr ma jkollhom bżonn li jitterminaw il-kuntratti. Dan id-dritt fejn jistgħu jiġu aġġustati l-prezzijiet jidher li huwa partikolarment meħtieġ fejn dawk il-fornituri ta' servizz huma fi dmir statutorju, skont l-OSU, li jidħlu f'kuntratti ma' kategorija speċifika ta' klijent.

57. Il-bżonn li wieħed jgħaddi ż-żieda fl-ispejjeż sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà ekonomika, ċertament jitfa' dawl fuq ir-raġunijiet li huma l-bażi tal-aċċettazzjoni ta' bidla unilaterali fil-prezz fil-kuntest tal-OSU. Iżda, il-bżonn li tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tispjega parti biss ta' x'trasparenza ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali tista' jew le tkun inkluża f'dan il-kuntest partikolari. Dan jinkorpora dmir li jinforma l-klijent dwar il-motivi, il-kundizzjonijiet u l-importanza ta' bidla eventwali fil-prezzijiet? U jekk dan huwa minnu, meta għandha tingħata dik l-informazzjoni?

2. Il-bżonn li jintlaħaq bilanċ xieraq bejn id-drittijiet tal-klijenti u tal-fornituri ta' servizz fi ħdan il-kuntest ta' OSU

58. Kuntrarjament għall-prinċipji bażiċi ta' suq kompetittiv, il-fornitur ta' servizz li jopera skont OSU huwa obbligat li jidħol f'kuntratti anki ma' klijenti mhux mixtieqa u li jipprovdi lil dawk il-klijenti bl-elettriku u bil-gass għal prezzijiet raġonevoli [36]. Għalija huwa ċar li dan l-obbligu jikkomprometti sew il-possibbiltà li dawk il-fornituri ta' servizz jibdlu l-istruttura tal-ispejjeż skont id-diskrezzjoni tagħhom. Il-leġiżlatura nazzjonali interveniet sabiex tagħti rimedju għal din l-anomalija, permezz tal-Artikoli 3

33 — Il-ħtieġa li tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista waqt li fl-istess ħin jiġi żgurat s-servizz universali, tidher meta l-premessi 24 u 26 tad-Direttiva dwar l-Elettriku kif ukoll il-premessi 26 u 27 tad-Direttiva dwar il-Gass jinqraw flimkien.

34 — COM(2001) 125 finali, p. 41.

35 — L-għanijiet assoċjati mal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija huma doppji. Minn naħa, għandhom l-għan li joħolqu suq kompetittiv u, min-naħa l-oħra jfittxu li jiżguraw li l-provvista tal-enerġija — li hija kkunsidrata li hija ta' interess ekonomiku ġenerali — hija ggarantita kemm jista' jkun. Ara, fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Gass, is-sentenza tal-20 ta' April 2010 Federutility *et* vs Autorità per l'energia elettrica e il gas (C-265/08, Ġabra p. I-3377, punt 20 *et seq*). Ara M. Bartl, "The affordability of energy: how much protection for the vulnerable consumers?", *Journal of Consumer Policy*, (33) 2010, p. 225 sa 245, fil-punt 226.

36 — L-obbligu li wieħed jikkuntratta huwa stipulat fil-punt (a) tal-Anness A tad-Direttivi dwar l-Enerġija. Ara wkoll M. Bartl. *op. cit.*, dwar l-enerġija bi prezz li jista' jintlaħaq u analiżi ta' soluzzjonijiet differenti adottati mill-Istati Membri li jindirizzaw il-problema li tkun żgurata enerġija bi prezz li jintlaħaq minn klijenti vulnerabbli. Barra minn hekk, punt li ma għandux ikun injorat hawnhekk huwa li r-rekwiżit li jkun żgurat servizz universali fis-settur tal-enerġija għal prezz raġonevoli issa kiseb l-istatus ta' liġi primarja fuq livell tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, b'żieda mal-Artikolu 14 TFUE li jikkonċerna s-servizzi ta' interess ġenerali, Protokoll 26 tat-Trattat ta' Lisbona jeħtieġ, *inter alia*, li jkun żgurat li l-prezzijiet jistgħu jintlaħqu fil-kuntest ta' servizz universali.

tad-Direttivi dwar l-Enerġija, sabiex jintlaħaq bilanċ "bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet ta' dawn il-kuntratti"[37]. Iżda l-mistoqsija tibqa', jekk — fid-dawl tar-rekwiżit ta' trasparenza li jinstab f'dawk id-dispożizzjonijiet — dak il-bilanċ intlaħaqx sew mil-leġiżlatura Ġermaniża, b'mod partikolari meta hemm il-bżonn li klijenti vulnerabbli jiġu protetti.

59. Meta wieħed jieħu inkunsiderazzjoni d-differenza kuntestwali fundamentali, li ġiet deskritta iktar 'il fuq, bejn kuntratti magħmula fuq il-bażi tal-libertà kuntrattwali u dawk ibbażati fuq il-liġi li tipprovdi għal OSU, jiena ma nsib ebda raġuni konvinċenti sabiex ninterpreta r-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass, li jeħtieġ li Stati Membri jiżguraw li l-motivi, il-kundizzjonijiet u l-importanza ta' bidla eventwali fil-prezzijiet huma mgħarrfa lill-klijenti *qabel* il-konklużjoni tal-kuntratt[38]. Tabilħaqq, billi l-għan prinċipali tad-Direttivi dwar l-Enerġija ma huwiex il-protezzjoni tal-konsumatur[39], iżda il-liberalizzazzjoni tas-suq, il-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu protetti għandu jkun rikonċiljat mal-interessi tal-fornituri tal-elettriku u tal-gass. Jekk għandu jintlaħaq bilanċ adegwat f'dan ir-rigward, nemmen li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni hija disponibbli lill-klijenti fil-waqt meta jkunu informati bil-bidla fil-prezz. Dan għar-raġunijiet segwenti.

60. Fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumatur, jidhirli li hawnhekk hawn żewġ elementi ta' importanza partikolari: d-dritt ta' terminazzjoni tal-kuntratt u d-dritt li wieħed jisfida, fejn hu xieraq, ir-raġonevolezza taż-żieda fil-prezz inkwistjoni[40]. Dawn id-drittijiet huma konnessi flimkien u dan sa fejn t-tnejn li huma — sabiex ikunu effettivi — jeħtieġu li l-klijent ikollu biżżejjed informazzjoni għar-rigward tar-raġuni li tat lok għaż-żieda fil-prezz u fil-metodu ta' kif din ġiet kkalkulata. Din l-informazzjoni mhux biss hija meħtieġa sabiex il-klijent ikun jista' jevalwa jekk jaqbillux jittermina l-kuntratt (fejn dan hu possibbli) u li jagħżel fornitur ieħor, iżda hija wkoll, mingħajr dubju, ta' importanza kbira għall-klijent li għandu jiddeċiedi jekk jisfidax jew le ż-żieda fil-prezz.

61. Tabilħaqq, minkejja l-flessibbiltà li l-punt (b) tal-Anness A taż-żewġ Direttivi dwar l-Enerġija jippermetti fir-rigward ta' bidla fil-prezz, dik id-dispożizzjoni tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-klijenti huma informati minn qabel bi pjanijiet ta' bidla fit-termini u fil-kundizzjonijiet kuntrattwali. B'żieda ma' dan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti huma informati bit-dritt tagħhom li jxolju kuntratt viġenti għal dik ir-raġuni. Iżda, d-drittijiet tal-konsumaturi ma jifqux hemm.

62. Kif ġie osservat mill-qorti tar-rinviju, jidher li l-punt (ċ) tal-Anness A huwa ta' interess partikolari, u dan billi huwa intiż li jiżgura li l-klijenti jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar t-termini u l-kundizzjonijiet standard fir-rigward ta' aċċess ta' u użu ta' servizzi tal-elettriku. B'mod ieħor, filwaqt li l-punt (b) jirrikjedi b'mod ċar li l-klijenti jiġu ggarantiti d-dritt li jitterminaw il-kuntratt jekk jiżdiedu l-prezzijiet, il-punt (ċ) iżid livell ieħor ma' dak ir-rekwiżit billi jirrikjedi li l-prezzijiet applikabbli għandhom ikunu trasparenti. Sabiex tkun żgurata t-trasparenza ladarba jinbidlu l-prezzijiet, huwa imperattiv li r-raġuni, r-rekwiżiti u l-portata tar-reviżjoni jkunu mgħarrfa lill-klijent. Dan hu kontra s-sottomissjonijiet imressqa mill-Gvern Ġermaniż.

37 — Sentenza RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV, iċċitata iktar 'il fuq, (punt 28).

38 — Dwar dan il-punt, ma naqbel xejn mal-analiżi tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-punt 69 (li jagħmel referenza għan-nota ta' qiegħ il-paġna 50) tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża RWE Vertrieb. Fl-opinjoni tagħha, kemm id-Direttiva 93/13 kif ukoll id-Direttiva dwar il-Gass huma strumenti ta' liġi tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u għandhom ikunu kkunsidrati li jikkomplementaw lil xulxin (u konsegwentement għandhom ikunu interpretati b'mod uniformi). Għaliha, dawn l-istrumenti jikkostitwixxu korp uniformi ta' liġi. Fil-fehma tiegħi, din id-dikjarazzjoni hija bbażata fuq żball. Filwaqt li d-Direttiva 93/13 tirrigwarda l-liġi (tal-kuntratt) dwar il-konsumatur, id-Direttivi dwar il-Gass (u l-Elettriku) jikkonċernaw qasam kompletament differenti ta' liġi, jiġifieri dak dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq u t-twaqqif ta' OSU fil-kuntest tal-provvista ta' enerġija lil klijenti finali. Fid-dawl ta' din id-differenza, ma naħsibx li huwa xieraq li tiġi ssemplifikata l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' trasparenza f'dawn l-oqsfa permezz ta' struttura ġudizzjarja.

39 — Dan jidher, *inter alia*, mit-terminoloġija użata fid-Direttivi dwar l-Enerġija. Tabilħaqq, fejn id-Direttiva 93/13 tirrigwarda kuntratti magħmula bejn konsumaturi u kummerċjanti, id-Direttivi dwar l-Enerġija jirriferu għal klijenti u fornituri ta' servizz. Ta' min wieħed isemmi wkoll li miżuri li Stati Membri jieħdu sabiex jipproteġu l-klijenti finali skont id-Direttivi dwar l-Enerġija jistgħu jkopru kemm klijenti domestiċi kif ukoll impriżi żgħar u medji.

40 — Għalkemm dan id-dritt mhux mogħti espressament fid-Direttivi dwar l-Enerġija, nara li dan huwa korollarju meħtieġ tal-OSU sabiex dan jipprovdi l-enerġija lil klijenti finali bi prezz raġonevoli. Tabilħaqq, ir-rekwiżit ta' raġonevolezza jkun mingħajr ebda saħħa jekk ma jkunx hemm il-possibbiltà li tkun sfidata l-bidla fil-prezzijiet.

63. Madankollu u fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri jgawdu minn diskrezzjoni sostanzjali sabiex jimplementaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Enerġija f'liġi nazzjonali, nemmen li għandha titħalla mal-leġiżlatura nazzjonali sabiex tiddeċiedi dwar it-teknikalitajiet ta' kif għandha tikkomunika dawk ir-raġunijiet, u l-metodu ta' bidla, lill-klijenti. Iżda, kif jidher li huwa l-każ fil-Ġermanja, dik id-diskrezzjoni ma tistax tkun estiża għal deċiżjoni li ma jsir xejn sabiex ikun kontrabilanċjat id-dritt ta' fornituri ta' servizz li jbiddlu l-prezzijiet unilateralment. Tabilħaqq, jekk dik id-diskrezzjoni kellha tkun aċċettata, din timmina sew l-effikaċja tar-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fid-Direttivi dwar l-Enerġija u li fl-aħħar nett jitneħħilu kull sinjifikat.

64. Ċertament, dan iwassal għal livelli differenti ta' protezzjoni għal klijenti finali u jiddependi, fl-aħħar analiżi, jekk id-Direttiva 93/13 mhux applikabbli. Fil-fatt, jista' jkun ukoll osservat li dan iqiegħed il-klijenti vulnerabbli f'pożizzjoni iktar dgħajfa minn dawk il-klijenti li jistgħu jagħżlu l-fornitur ta' servizz tagħhom. Iżda, dan jidher li ġie aċċettat mil-leġiżlatura tal-Unjoni Ewropea. L-Anness A ta' kull Direttiva dwar l-Enerġija jagħmel, f'dan ir-rigward, referenza espliċita għad-Direttiva 93/13 billi jistipula li l-miżuri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 ta' kull waħda minn dawk id-direttivi huma "mingħajr preġudizzju għar-regoli [tal-Unjoni Ewropea] dwar il-protezzjoni tal-konsumatur [partikolarment id-Direttiva 93/13]". Fil-fehma tiegħi, l-unika spjegazzjoni konċepibbli għal din hija li l-leġiżlatura tal-Unjoni Ewropea ma kellhiex l-intenzjoni li tallinja — permezz ta' referenza għad-Direttiva 93/13 — il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur, li joħroġ mid-Direttivi dwar l-Enerġija, ma' dawk skont id-Direttiva 93/13. Dan hu ovvju mill-fatt li proposta għal dak il-għan mressqa mill-Parlament Ewropew waqt il-proċess leġiżlattiv ma ġietx riflessa fil-verżjoni finali tad-Direttivi dwar l-Enerġija [41]. Fi kliem ieħor, dik l-għażla leġiżlattiva timplika li l-protezzjoni skont id-Direttiva 93/13 tista' tkun għola u, tal-inqas, ma għandhiex tkun trasposta awtomatikament fil-kuntest ta' kuntratti għal servizz universali fis-settur tal-enerġija.

65. Iżda, huwa ċar li, fil-kitba tad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Annessi A tad-Direttivi dwar l-Enerġija — u, partikolarment, fil-punt (b) tagħhom — il-leġiżlatura tal-Unjoni Ewropea għamlet enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li jkun żgurat li l-klijenti finali jistgħu jitterminaw il-kuntratti tagħhom f'każ li ma jaċċettawx iż-żieda fil-prezzijiet. Tabilħaqq, dan jidher iġġustifikat mil-lat kuntrattwali, fid-dawl tal-fatt li d-dritt tal-fornituri li jibdlu l-prezzijiet unilateralment jesponi lill-klijenti għar-riskju ta' żieda inġustifikata fil-prezzijiet. Fil-fehma tiegħi, id-dritt ta' terminazzjoni tal-kuntratt huwa ta' importanza kbira għall-klijenti kollha, kemm jekk huma kkunsidrati vulnerabbli jew le. Sabiex dan id-dritt ikun eżerċitat effettivament, il-klijent għandu jkun infurmat bir-raġuni, bir-rekwiżiti u bil-portata tar-reviżjoni tal-prezz fil-waqt li jiġi infurmat li ser jinbidlu l-prezzijiet, u mhux iktar tard [42].

66. Tabilħaqq, filwaqt li jidher li, fir-realtà, perċentwali żgħir ħafna ta' klijenti ser jisfidaw il-bidla fil-prezzijiet fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni, huwa dibattibbli li l-bżonn li tiġi żvelata dik l-informazzjoni tkun waħedha biżżejjed sabiex tiskoraġġixxi żieda inġustifikata fil-prezzijiet. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' trasparenza li jinstab fid-Direttivi dwar l-Enerġija jikkontribwixxi wkoll sabiex il-prezzijiet jibqgħu miżmuma f'livell "raġonevoli"; dan l-obbligu li jsir hekk huwa wieħed mill-pedamenti tal-OSU stipulat f'dawk id-direttivi.

41 — Fil-fatt, il-proposta tal-Parlament li żżid ma' dawk l-annessi punt ieħor li seta' wessa' l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 għal kuntratti li jirregolaw s-servizz universali fis-settur tal-enerġija, ma ġiex aċċettat u mhux inkluż fil-verżjoni finali tad-Direttivi dwar l-Enerġija. Ara, dwar dan, Parti I tar-Rapport tal-Parlament Ewropew, tal-1 ta' Marzu 2002, dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 96/92/KE u 98/30/KE dwar regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku u gass naturali (A5-0077/2002), proposti leġiżlattivi, emendi 89 u 169, p. 65, 66 u 107. Ara wkoll il-kumment tiegħi fuq l-analiżi tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fuq din il-kwistjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39 iktar 'il fuq.

42 — Fis-seduta, issemma li l-fornituri ta' servizz huma meħtieġa, bħala kwistjoni ta' liġi nazzjonali, sabiex jiżvelaw lill-klijent dik l-informazzjoni kollha rilevanti li tikkonċerna l-bidla fil-prezzijiet meta kawża tiġi ppreżentata quddiem qorti. Iżda, ma nemminx li obbligu bħal dak jista' jissostitwixxi, b'mod sinjifikattiv, l-obbligu li jikxef ir-raġuni, ir-rekwiżiti u l-portata tar-reviżjoni tal-prezz lill-klijent fil-waqt meta dik il-bidla tkun mgħarrfa lill-klijent, kif deher fil-Kawża C-400/11, fejn J. Egbringhoff ipprova jikseb din l-informazzjoni mingħajr suċċess qabel ma' ppreżenta l-kawża quddiem il-qorti. Tabilħaqq, meta wieħed jeżamina jekk għandux jew le jikkontesta r-raġonevolezza ta' bidla fil-prezz u li dik il-kontestazzjoni jkollhiex suċċess jew le, dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli lill-klijent minn qabel il-preżentazzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji.

67. Dan iwassalni sabiex nikkonkludi li, fuq interpretazzjoni xierqa tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass, ir-rekwiżit ta' trasparenza li jinstab f'dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiex issodisfatt, fir-rigward tal-provvista tal-elettriku jew tal-gass lill-klijenti domestiċi fuq il-bażi ta' kuntratt għal provvista universali, permezz ta' dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali li, meta jirregolaw il-bidla fil-prezz f'dawk il-kuntratti, ma jeħtiġux li fornituri juru lill-klijent ir-raġuni, ir-rekwiżiti u l-portata tar-reviżjoni tal-prezz sa mhux iktar tard *mill-waqt li l-klijent huwa infurmat bit-tibdil.*

68. Fl-aħħar nett, TWS, SWA u l-Gvern Ġermaniż talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tillimita l-effetti *ratione temporis* tas-sentenza tagħha fil-każ li ssib li d-dispożizzjonijiet rilevanti Ġermaniżi dwar il-bidla fil-prezzijiet huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Kif ser nispjega hawn taħt, ninsab issodisfatt li hemm ġustifikazzjoni sabiex tintlaqa' t-talba fiċ-ċirkustanzi preżenti.

D – *L-effetti ta' riżultat ta' inkompatibbiltà għandhom ikunu limitati fiż-żmien*

69. Kif inhu magħruf sew, il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li timponi limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* tas-sentenzi tagħha f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u dan biss meta jintlaħqu żewġ kriterji kumulattivi. Dan huwa spjegat mill-fatt li l-interpretazzjoni ta' regola legali mill-Qorti tal-Ġustizzja hija intiża sabiex tikkjarifika u tiddefinixxi l-għan u l-portata ta' dik ir-regola kif kellha tkun miftehma u applikata minn meta daħlet fis-seħħ. Fuq dan l-isfond, l-ewwel kriterju li għandu jkun sodisfatt huwa li r-riżultat ta' inkompatibbiltà għandu jinkludi r-"riskju ta' riperkussjonijiet serji ekonomiċi". Fl-evalwazzjoni dwar jekk dan hux il-każ jew le, huwa sinjifikattiv in-numru ta' relazzjonijiet legali magħmula f'*bona fides* skont regoli li kienu kkunsidrati f'dak iż-żmien li kienu validi fil-liġi. It-tieni kriterju li għandu jkun sodisfatt huwa li l-prattiċi illegali kellhom ikunu adottati bħala riżultat ta' inċertezza sinjifikattiva u oġġettiva dwar l-interpretazzjoni u l-portata tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea inkwistjoni [43].

70. Fil-fehma tiegħi, dawn iż-żewġ kriterji jinstabu milħuqa hawnhekk.

71. Qabel ma' nkompli niddiskuti ċ-ċirkustanzi tal-kawżi ineżami, għandu jiġi nnotat li talba simili magħmula fil-kawża RWE Vertrieb kienet ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja. Dak ir-rifjut kien motivat mill-fatt li l-konsegwenzi finanzjarji fuq il-fornituri tal-gass ma kinux jiddependu kompletament fuq l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Pjuttost, dawk il-konsegwenzi kienu kkunsidrati li kienu kontinġenti, fl-analiżi finali, fuq l-evalwazzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju dwar l-ekwità tat-termini u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali fiċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali [44].

72. Min-naħa l-oħra [45], hawnhekk qegħdin nittrattaw sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba sabiex, mhux biss tikkjarifika it-tifsira ta' dispożizzjonijiet *oħra* tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, iżda kif ukoll u, iktar importanti, sabiex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Ġermaniż ma' dawk tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

73. Din hija r-raġuni għaliex ma għandix dubju li deċiżjoni ta' sejba ta' inkompatibbiltà ġġib magħha r-riskju ta' konsegwenzi finanzjarji serji fuq il-fornituri tal-elettriku u tal-gass inkwistjoni. Skont il-loġika li użat il-qorti tar-rinviju, id-dritt tal-fornituri tal-elettriku u tal-gass li jibdlu l-prezzijiet huwa marbut fuq il-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta t-tifsira u l-portata tar-rekwiżit ta' trasparenza

43 — Pereżempju, ara s-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012 fil-kawża magħquda FIM Santander Top 25 Euro (C-338/11 sa C-347/11, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 — Sentenza RWE Vertrieb AG vs Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV, iċċitata iktar 'il fuq (punt 60).

45 — Iżda, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha testendi r-raġunament tagħha fil-kawża RWE Vertrieb għaċ-ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża odjerna, ikun illoġiku li tkun aċċettata talba sabiex ikun limitat l-effett *ratione temporis* ta' sentenza li tikkonferma interpretazzjoni ġa deċiża f'kawża preċedenti. Dan hu hekk billi ma tibqax teżisti iktar ebda "inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni [Ewropea] inkwistjoni".

stipulat fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ssegwi l-fehma tiegħi dwar l-kwistjonijiet interpretattivi mqajma permezz ta' dawn il-kawżi, bidliet fil-prezzijiet bħal dawn inkwistjoni fil-kawżi quddiem il-qorti tar-rinviju jkunu nulli u mingħajr effett.

74. Ma hemmx għalfejn ngħidu, l-impatt ta' deċiżjoni bħal din fuq is-settur kollu tal-enerġija ġewwa l-Ġermanja żgur li mhux ser ikun negliġibbli[46]. Dik il-konklużjoni mhux milquta, fil-fehma tiegħi, mill-fatt li n-numru ta' klijenti pprovduti bl-enerġija fuq bażi ta' kuntratti ta' servizz universali jidher li qed dejjem jonqos fil-Ġermanja[47]. Filwaqt li s-serjetà tal-konsegwenzi finanzjarji li jinqalgħu minn sejba ta' inkompatibbiltà trid tiddependi fuq il-perijodu ta' limitazzjoni impost mill-qorti nazzjonali (kwistjoni li tidher li għad trid tiġi deċiża fuq livell nazzjonali[48]), hija l-fehma tiegħi li ma jistax jiġi eskluż r-"riskju ta' konsegwenzi serji finanzjarji". Għalkemm in-numru ta' klijenti milquta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollu jiddependi fuq il-perijodu ta' limitazzjoni li ser ikun impost, wieħed għandu jassumi — minkejja li l-kuntratti għall-provvista universali qed jonqsu — li n-numru huwa (kunsiderevolment) għola mill-istima għas-sena 2013 mogħtija minn TWS fis-seduta[49].

75. Madankollu, ir-riskju ta' konsegwenzi serji finanzjarji mhux biżżejjed, bħala regola, sabiex jiżgura s-suċċess ta' talba għal-limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* ta' sentenza. Kif ġa spjegajt band'oħra[50], kwalunkwe approċċ ieħor ifisser li — għal kuntrarju tal-prinċipju li jippermetti tali talbiet biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali — l-kontravenzjonijiet l-iktar serji u l-iktar li ilhom pendenti jkunu dawk li jiġu ttrattati b'mod l-iktar favorevoli. Dik hija r-raġuni għaliex għandu jkun issodisfatt it-tieni kriterju, li jgħaqqad ir-rekwiżit fejn dawk involuti jridu jkunu qed jaġixxu f'*bona fides* flimkien mar-rekwiżit li jrid ikun hemm inċertezza ġenwina dwar it-tifsira u l-portata tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

76. Jidher li anki dak il-kriterju ġie milħuq fil-kawżi quddiem il-qorti tar-rinviju[51]. L-ewwel nett, huwa ċar li l-prezzijiet ġew mibdula f'*bona fides* mill-fornituri tal-elettriku u tal-gass skont liġi nazzjonali kkunsidrata li hija validament fis-seħħ. It-tieni nett, kif urejt iktar 'il fuq, ma hemmx raġuni oġġettiva sabiex tkun ġustifikata l-estensjoni tal-applikazzjoni tad-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża RWE Vertrieb għal sitwazzjonijiet li ma humiex irregolati bid-Direttiva 93/13. Tabilħaqq, sa fejn dawk id-*dicta* ma għandhomx rilevanza diretta hawnhekk, ir-rekwiżit ta' trasparenza kif stipulat fid-Direttivi dwar l-Enerġija ma kienx, sal-lum, is-suġġett ta' xi deċiżjoni preliminari dwar interpretazzjoni. Hekk kif turi din il-konklużjoni, għad fadal inċertezza kbira dwar it-tifsira ta' dak ir-rekwiżit. Din il-Qorti tal-Ġustizzja biss tista' tneħħi dik l-inċertezza billi tagħti deċiżjoni prelimiari fil-kawżi odjerni.

77. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talba magħmula waqt din il-kawża sabiex ikun hemm limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* tas-sentenza fil-każ li hija ssib, kif hekk sibt jien, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' trasparenza stipulat fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar il-Gass.

46 — Skont in-numri mogħtija minn TWS waqt is-seduta, 18-il miljun u 4 miljun klijent domestiku huma bħalissa pprovduti bl-elettriku u l-gass rispettivament skont kuntratti li jirregolaw l-provvista universali.

47 — Tabilħaqq, dan l-iżvilupp huwa spjegat — kif ġie osservat waqt is-seduta — mill-fatt li l-klijenti qegħdin dejjem iżjed, jibdlu l-fornituri u qegħdin jagħżlu li jidħlu f'kuntratti speċjali li huma offruti f'suq kompetittiv.

48 — Waqt is-seduta tqajmet d-domanda dwar il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli. Waqt li jidher li huwa stabbilit mil-liġi li l-perijodu ta' preskrizzjoni għal talbiet minn kuntratti speċjali huwa ta' 3 snin, il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli għal kuntratti li jirregolaw l-provvista universali għadu ma ġiex deċiż. Għalhekk, ma hemm ebda indikazzjoni li l-applikazzjoni ta' perijodu itwal ta' preskrizzjoni, ta' 10 snin, jista' jiġi eskluż.

49 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 47 iktar 'il fuq.

50 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Transportes Jordi Besora SL vs Generalitat de Catalunya Transportes Jordi Besoara, C-82/12, deċiża fis-27 ta' Frar 2014, punt 54.

51 — Dan hu hekk sal-punt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkunsidrax li jekk wieħed isegwi il-prinċipji stabbiliti fil-kawża RWE Vertrieb, kull inċertezza dwar il-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali mar-rekwiżit ta' trasparenza li jinstab fid-Direttivi dwar l-Enerġija kienet ġa ġiet imneħħija.

## IV – **Konklużjoni**

78. Fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar ’il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tal-Bundesgerichtshof kif ġej:

Dwar interpretazzjoni xierqa tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2003, dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE u tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2003, dwar regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE, ir-rekwiżit ta’ trasparenza stipulat f’dawk id-dispożizzjonijiet mhux imħares, fir-rigward tal-provvista tal-elettriku jew tal-gass lill-klijenti domestiċi fuq il-bażi ta’ kuntratt ta’ provvista universali, permezz tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li, filwaqt li jirregolaw il-bidla fil-prezz skont dawk il-kuntratti, ma jeħtiġux li l-fornituri juru lill-klijent ir-raġuni, ir-rekwiżiti u l-portata tar-reviżjoni tal-prezz sa mhux iktar tard mill-waqt li l-klijent huwa infurmat bit-tibdil.

L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar ’il fuq tidħol fis-seħħ fid-data meta l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti s-sentenza tagħha fil-kawżi odjerni.